MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 452/2006/1

**Maltacom p.l.c. u b'digriet ta' nhar l-1 ta' Frar, 2008 isem is-socjeta` attrici gie mibdul minn Maltacom p.l.c. ghal GO p.l.c.**

**vs**

**Philip Agius & Sons Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Jannar, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elf u tnejn u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,082.97), u cioe' llum

ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u erbgha u sittin centezmi (€2,522.64), in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta’ attrici fi Triq il-Belt Valletta, Mosta, f’Awissu, 2005 u dan skond fattura bin-numru MC 00708 datata 18 ta’ Novembru, 2005 (ST3/2005/45).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara s-socjeta’ konvenuta responsabbli ghal hsarat ikkawzati u jikkundannaha thallas l-ammont kif mitlub, inkluzi l-ispejjes u l-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li qiedgha tikkontesta t-talbiet attrici, stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ attrici u dan ghaliex is-socjeta’ konvenuta mhix responsabbli ghall-kawza, jew kawzi, li taw lok ghad-danni allegati u dan peress illi s-socjeta’ konvenuta wettqet ix-xogholijiet taghha b’diligenza u bi prudenza fil-grad mehtieg mil-Ligi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont tad-danni mitlub huwa esagerat.

F’kull kaz kwalunkwe, tali danni sehhew unikament minhabba tan-nuqqas tal-impjegati tas-socjeta’ attrici jew agenti taghha u bl-ebda mod tort ta’ xi nuqqas tas-socjeta’ konvenuta.

Ra x-xhieda ta’ Dr. Keith Grech, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li jikkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut mis-socjeta’ konvenuta u dan in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati lill-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, konsistenti f’hsara fil-*cables* tat-

telefon li kienu jinstabu fi Triq il-Belt Valletta, Mosta, liema hsarat gew ikkagunati f'Awissu, 2005.

Jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet qed twettaq xogholijiet infrastrutturali, liema xoghol kien kopert bil-permess mahrug mill-Awtorita' dwar it-Trasport (rif.865/05).

Kien fl-1 ta' Gunju, 2005 fejn is-socjeta' konvenuta giet infurmata mis-socjeta' attrici fejn kienu jinstabu l-*cables* taghha. Kien Paul Darmanin li kien ghamel l-immarkar relattiv. L-istess socjeta' attrici avzat lis-socjeta' konvenuta bil-kundizzjonijiet li kellhom jigu osservati fil-kaz ta' skavar minn terzi.

Kien fl-1 ta' Settembru, 2005 li kien sar rapport minn Vincent Camilleri fl-Ghassa tal-Pulizija, B'Kara.

L-ammont pretiz ta' elf u tnejn u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm1,082.97), u cioe' llum ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u erbgha u sittin centezmi (€2,522.64), jirrapprezenta l-ammont tal-hsarat kagunati fil-*cables* u dan jikkonsisti f'tmien mija u erba' liri Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm804.92), illum ekwivalenti ghal elf, tmien mija u erbgha u sebghin Euro u sitta u disghin centezmi (€1,874.96), bhala *labour cost,* u mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm112.85), illum ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€262.87), bhala spejjez ta' materjal, flimkien ma' mija u hamsa u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm165.20), illum ekwivalenti ghal tlett mija u erbgha u tmenin Euro u wiehed u tmenin centezmi (€384.81), bhala Vat. Dan kollu gie kkonfermat minn Paul Aquilina, impjegat mas-socjeta' attrici bhala *Credit Control Officer*.

Ra x-xhieda ta' Victor Busuttil bhala *Senior Technical Officer*, responsabbli mit-Taqsima tal-*Overseers* mas-socjeta' attrici li kkonferma dak kollu li xehed Dr. Keith Grech. L-Inginier Alice Zammit fil-kapacita' taghha ta' *Zone Engineer II,* ukoll tikkonferma x-xhieda ta' Dr. Keith Grech

Ra x-xhieda ta' Vincent Camilleri li xehed li fl-1 ta' Settembru, 2005 kien ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara dwar hsarat li gew ikkagunati mis-socjeta' konvenuta fil-*cables* tas-socjeta' attrici, hdejn is-*showrooms* tal-Auto Sales Ltd. (Kinds).

Ra x-xhieda ta' Paul Darmanin li jikkonferma li hu kien ghamel l-immarkar tal-*cables* u dan kien f'Awissu, 2005.

Ra x-xhieda ta' Joseph Chircop li kkonferma li hu jahdem fl-ufficcju tal-ADT u li kien inhareg permess lis-socjeta' konvenuta sabiex tesegwixxi xogholijiet fit-toroq (permess numru 0865/2005) u mal-istess permess kienu inhargu ukoll il-kundizzjonijiet.

Ra x-xhieda ta' PS 321 Alan La Grasta li jghid li waqt li kien l-Ghassa ta' B'Kara fl-1 ta' Settembru, 2005, kien ghamel rapport Vince Camilleri, *Technical Executive* mal-Maltacom u dan irrapporta li fl-24 ta' Awissu, 2005 indunaw li hdejn ir-*roundabout,* vicin Kinds Showroom, Mosta Road, Lija, kienu ntlaqtu xi *cables* taghhom mill-kuntrattur Philip Agius & Sons Ltd.

Ikkonferma li l-hsarat kienu saru fuq 200 *par cable*. Kellu jikkonferma mal-Inginiera jekk kienx hemm il-marki. Meta kien tkellem ma' Mario Agius dan ikkonferma li kien qed juza' l-makkinarju meta saret il-hsara, izda ma kienx hemm sinjali li juru li kien hemm xi *cables*. Peress li rrifjuta li jiffirma d-dikjarazzjoni kellu jressqu l-Qorti.

Ra x-xhieda ta’ Mario Agius, li huwa Direttur tas-socjeta’ konvenuta, li taghmel xoghol ta’ *trenching* u *road works*. Jispjega li s-socjeta’ Autosales Ltd. kellha bzonn tghaddi *cable* u taghmel *substation* gdida. Kien applika ghal permess mal-ADT u kien baghat lista tal-*utilities* sabiex imbaghad id-dipartimenti koncernati jigu fuq il-post u jimmarkaw fejn ghandhom is-servizzi taghhom.

Ix-xhud insista li l-immarkar isir ferm qabel, peress li x-xogholijiet kellhom isiru mar-*roundabout* ta’ Hal Lija li hija *busy,* u wara li jkun sar l-immarkar seta’ jistabbilixi r-rotta li kien ser jiehu qabel ma beda bit-*trenching works*.

Kien certu Paul Darmanin mis-socjeta’ attrici li kien ghamel l-immarkar. Kien sar ftehim li jaghmel *crossing* ma’ parti mill-pajpijiet sabiex ma jostakolax it-triq u mbaghad it-*trenching* jitkompla band’ohra. Kien ghamel il-*crossing* u ghalaq it-triq sabiex jibqa’ ghaddej it-traffiku.

Kien wara li mar fuq il-post Vince Camilleri mis-socjeta’ attrici li kien infurmah li kienu saru xi rapporti dwar hsarat fil-*cables* taghhom. Gie stabblit li l-hsara kienet gejja mill-*crossing* tal-pajpijiet li kien ghamel u dawn kienu jinstabu faccata tal-*markings* li kien ghamel Paul Darmanin.

Jinsisti li fejn kien hemm il-hsara ma kienx hemm marki u fil-fatt kienu gew in-nies tas-socjeta’ attrici biex jikkonfermaw dan. Gie mitlub sabiex inehhi dawn il-*crossings* tal-pajpijiet sabiex tkun tista’ ssir il-gonta u hekk gara.

Jinsisti li wara li kien sar rapport lill-Pulizija u nfethet it-triq, gie stabbilit li dawn il-*cables* kienu jinstabu aktar fil-baxx minn fejn kienu qed jiskavaw u gie stabbilit ukoll li dan il-*cable* kien maghfus izzejjed. Ighid ukoll li s-socjeta’ attrici ma kellhiex

pjanta ta’ fejn kienet tinstab il-*cable* u ppruvaw iwahhlu fih.

Jispjega li rrizulta li l-hsara kienet fil-*crossing* u kien nizel Vince Camilleri mis-socjeta’ attrici u li kien talbu biex jerga’ jkisser parti mix-xoghol li kien ghamel fil-*crossing* tal-pajpijiet sabiex ikun jista’ jaghmel il-gonta.

Ighid li l-hsara saret fejn kien hemm is-*centre strip* u l-marki kienu ezatt faccata fuq il-genb l-iehor.

Jispjega li biex ghamel il-*crossing* kien ghamel uzu mill-*pilot holes,* u cioe’ skavaw b’mod delikat biex jevitaw *wires, cables* ecc. Kienu uzaw ukoll *pilot auto track location equipment*, izda xorta ma kienux sabu dan il-*cable*. Jikkonferma pero’ li fid-dokument KG27, li hija pjanta tal-Maltacom, kien hemm indikat il-*cable* li garrab il-hsara. Jikkonferma li kien jaf li hemm kundizzjoni mal-permess mahrug mill-ADT li jekk kuntrattur jikkaguna hsara irid jibqa’ responsabbli ghaliha.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta’ konvenuta kienet applikat mas-socjeta’ attrici sabiex twettaq xogholijiet infrastrutturali, liema xoghol kien kopert bil-permess mahrug mill-Awtorita’ dwar it-Trasport (rif.865/05) u dan minhabba li fis-sit fejn kien ser isir it-thaffir kien hemm ghaddejjin *cables* tal-Maltacom, u il-permess kien limitat minhabba kundizzjonjiet imposti mill-istess socjeta’ attrici. Dawn il-kundizzjonijiet jistipulaw fl-ewwel lok l-obbligu tas-socjeta’ attrici li tindika fuq is-superfici tat-triq b’mod kemm jista’ jkun ezatt, l-posizzjoni tat-*Telecommunications Infrastructure* ezistenti. Biss l-istess socjeta’ attrici ma taghti ebda garanzija li dawn il-marki li jsiru mill-impjegati taghha jkunu ezatti. L-istess kundizzjonijiet ghalhekk jobbligaw

il-kuntrattur li jiehu "*all the responsibility to take the necessary precautions to assure that the underground infrastructure is not damaged.*" Fost dawn il-prekawzjonijiet il-kundizzjonjiet jistipulaw li l-kuntrattur ghandu jaghmel "*the appropriate number of pilot holes to ascertain oneself the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused.*" L-istess klawsola 2 tal-kundizzjonijiet tistipula li inoltre "*the contractor is to make use of the proper track location equipment.*"

F'klawsola 3 ta' l-istess kundizzjonjiet jinghad li "*optic cables, empty ducts and cables laid beyond a certain depth cannot be tracklocated.*" Ghalhekk f'dan il-kaz il-kuntrattur huwa obligat li juza'apparat ta' tahfir li ma jikkawzax hsara lil din l-infrastruttura –*"Hand tools are recommended for such work."*

Minn analizi ta' dawn il-kundizzjonijiet jirrizulta li Paul Darmanin, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u fil-kapacita' tieghu bhala *overseer* kien nizel fuq il-post fejn kienu ser isiru x-xogholijiet u kien ghamel l-immarkar. Hemm verzjonijiet kontrastanti fuq dan il-punt, ghaliex is-socjeta' konvenuta tinsisti li ma kienx hemm marki fejn kienet saret il-hsara fil-*cable* ta' 200 *par*. Is-socjeta' konvenuta tinsisti li dejjem uzat il-*pilot holes,* u cioe' skavaw b'mod delikat biex jevitaw xi *wires, cables* ecc., partikolarment meta kienu qed jaghmlu l-*crossing* fuq il-pajpijiet. Kienu uzaw ukoll *pilot auto track location equipment*, izda xorta ma kienux sabu dan il-*cable*.

Minn hawn jista' jigi konkluz, li sa' certu punt s-socjeta' konvenuta kienet qed tosserva l-kundizzjonijiet li kellha mal-hrug tal-permess.

Pero', it-Tribunal ihoss li s-socjeta' attrici kienet aktar konvincenti fil-verzjoni taghha li l-immarkjar sar kif suppost.

Is-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-*cable* kien jinsab aktar 'l isfel minn fejn kienet qed thaffer u ghalhekk ma kellhiex tinzamm responsabbli. Pero', it-Tribunal ihoss li l-argument mressaq mis-socjeta' konvenuta mhux daqshekk b'sahhtu ghaliex ma giex ssostantjat mill-provi minnha migjuba. Mir-rapporti tas-socjeta' attrici gie stabbilit illi l-*cable* kien jinstab midfun taht l-art, pero' ma hemm ebda indikazzjoni li seta' ma kienx fil-fond rikjest. F'dan il-kuntest is-socjeta' attrici ghamlet il-prova taghha sufficjentement mentri s-socjeta' konvenuta ma rnexxielex issostni dak li kienet qed tallega fuq bazi ta' probabilta'.

Forsi, is-socjeta' konvenuta tipprova tkun aktar konsistenti meta tghid li mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li kien hemm l-*cable* maghfus izzejjed, pero' dan ma jbiddel xejn. In sostenn ta' dan, hemm ukoll ir-rapport tal-Inginier A. Zammit datat 21 ta' Dicembru, 2005 (Dokument KG 8) fejn gie ikkonfermat li l-kuntrattur kien pogga ***"2 pvc pipes just above our cable, and in doing so, our cable was exposed."***

Dan t-tqeghid tal-*pipes* seta' ghalhekk wassal ghal fatt li l-*cable* gie maghfus u fil-fatt, Mario Agius in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta jispjega li nstab li l-hsara kienet minhabba l-*crossing* li kien ghamel u kien ghalhekk li talbuh sabiex ikisser dan ix-xoghol. Kien ghamel hekk, izda baqa' jinsisti li ma kienx hemm marki.

Il-kundizzjonijiet li fuqhom jinhareg il-permess jikkontemplaw, fost ohrajn, li s-socjeta' attrici tista' ma tkunx dejjem ezatt f'dak li jirrigwarda l-immarkar tal-posizzjoni tal-*cable*. Anke jekk ghal mument, it-Tribunal kellu jemmen il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta, xorta kien sar it-thaffir, il-*crossing* sar fuq il-*cable* u ghalhekk inevitabbilment, il-konkluzjoni hija wahda – kif setghet is-socjeta' attrici ma tindunax li kien hemm

il-*cable* ghaddej? Effettivament it-Tribunal fil-konkluzjoni tieghu li jaccetta il-verzjoni tas-socjeta' attrici bhala dik l-aktar kredibbli, jirreferi ghar-rapport tal-Inginier A. Zammit li jispjega li hu evidenti li s-socjeta' attrici ndunat bil-*cable*, u li kien hemm ghaddejjin *cables* tal-Enemalta u mix-xoghol kien evidenti li ghamlet mill-ahjar sabiex tevita li tikkagunalhom hsara.

It-Tribunal ghalhekk thoss li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma gietx ippruvata.
Dwar it-tieni eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa eccessiv, jirrizulta mill-atti processali li ma ngabu l-ebda provi sabiex isostnu din l-eccezzjoni u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi in kontestazzjoni u peress li l-ammont pretiz huwa pruvat sufficjentement, ser taccetta l-ammonti kif kkalkolati mis-socjeta' attrici.

Dwar it-tielet eccezzjoni, it-Tribunal minn ezami tal-provi ma jistax jasal ghal konkluzjoni li xi wiehed mill-impjegati tas-socjeta' attrici kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija infondata.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.**"**

Koncizament, l-appell tas-socjeta` konvenuta fil-konfront ta' din is-sentenza jikkonsisti fl-ilment illi t-Tribunal ezamina l-provi b'mod superficjali, naqas milli jikkonfronta x-xhieda tar-rapprezentanti tieghu ma' dik prodotta mis-socjeta` attrici, u sahansitra wkoll, skarta x-xhieda cara ta' Victor Busuttil li kkonferma li fejn grat il-hsara ma kienx hemm marki;

Rikapitolati fil-qosor, il-provi l-aktar sostanzjali f'dan il-kaz huma kif gej:-

1. Il-kondizzjonijiet tas-socjeta` attrici (fol. 23) konnessi ma' xoghol ta' skavar jipprovdu *inter alia* illi l-istess kumpanija kellha tindika permezz ta' marki fejn tinsab l-infrastruttura taghha, anke jekk fl-istess waqt ma kienetx tiggarantixxi l-ezattezza ta' dawk l-istess marki;

2. Dejjem l-istess kondizzjonijiet jimponu fuq il-kuntrattur responsabbli mix-xoghlijiet li jaghmel "*pilot holes to ascertain the whereabouts of the buried plant*" u li jaghmel uzu minn "*proper track location equipment*". Fil-kaz li l-infrastruttura ma setghetx tigi lokalizzata kien rakkomandabbli li jintuzaw *hand tools*;

3. Skond is-socjeta` attrici l-immarkar sar skond kif kellu jkun. Ara Internal Report mill-*overseer* (fol. 28) u l-Affidavits ta' Victor Busuttil (fol. 45), l-Inginier Alice Zammit (fol. 48) u Paul Darmanin (fol. 50) b'dan ta' l-ahhar it-*technician* li effettivament immarka fejn kienu l-*cables*. Addizzjonalment, l-istess socjeta` attrici esebiet serje ta' ritratti li skond l-interpretazzjoni ta' l-Inginjier Zammit fl-e-mail taghha tal-21 ta' Dicembru, 2005, "*it is clear that cable which is directly buried in the ground were correctly marked by the overseer*". Ziedet taggungi wkoll illi "*moreover photos also clearly show that contractor laid 2 pvc pipes just above our cable and in doing so the cable was exposed*";

4. Mario Agius, ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta xehed a fol. 109 illi huwa kkonforma ruhu ghall-kundizzjonijiet u, ghalkemm jirrikonoxxi li grat il-hsara, din sehhet fil-parti tal-*crossing* kif indikat fl-i*sketch* minnu ppreparat u esebit (fol. 112), fejn ma kienx hemm marki. Huwa jghid ukoll illi ghalkemm ghamel il-*pilot holes* u uzu t-*track location equipment* l-*cable* xorta wahda ma sabux. Fil-kontro-ezami (fol. 138) huwa jikkonfuta r-ritratti esebiti u li anzi minnhom ma kienux jidhru sinjali ta' marki;

Mill-fatti premessi jidher li l-kontestazzjoni principali bejn il-kontendenti tirriverti fuq il-punt dwar jekk fil-parti tat-triq fejn sar l-iskavar kienx hemm, jew le, il-marki li juru l-perkors tal-*cable* danneggjat. It-Tribunal jidher li accetta l-

versjoni prodotta mix-xhieda tas-socjeta` attrici fuq dik tar-rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta ghaliex, skond il-fehma tieghu, din kienet aktar kredibbli. Is-socjeta` appellanti tikkontrasta din il-fehma billi fuq ir-rikostruzzjoni taghha tal-provi hi tikkontendi illi r-ragonament tat-Tribunal ma kienx kongruwu, logiku u ko-erenti ma' l-ispjegazzjonijiet suppliti mir-rapprezentanti tieghu. Konsegwentement, tissottometti illi t-Tribunal kellu jemmen il-versjoni taggha, anke ghaliex din, skond ma hu ddikjarat fil-korp ta' l-appell tinsab suffragata mix-xhieda ta' Victor Busuttil in kontro-ezami a fol. 133 tal-process;

Huwa utli li jibda biex jigi sottolinejat illi f'kazijiet ta' din ix-xorta u skond ma jinzel mill-kundizzjonijiet standard stipulati bejn il-partijiet jezistu dmirijiet reciproci x'jigu osservati. Minn naha l-wahda hemm id-dover tas-socjeta` attrici li tindika permezz ta' mmarkar, ankorke mhux b'ezattezza, is-sit fejn tinsab l-infrastruttura taghha. Ugwalment, imbaghad, jezisti d-dmir impost fuq is-socjeta` eskavatrici li tadempixxi ruhha mal-kundizzjonijiet obbligatorji fil-process ta' l-iskavar ghall-evitar tad-dannu. Ta' rilevanza fil-kuntest it-tehid ta' prekawzjonijiet ghall-verifika ta' fejn tinsab l-infrastruttura u l-uzu ta' attrezzaturi approprijati. Dan, apparti mbaghad, l-osservanza ta' dawk in-normi dettati mil-ligijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), u r-regolamenti imperanti dwar licenzji mill-Kunsill Lokali ghall-ftuh ta' wicc it-triq. Wisq naturalment l-inosservanza ta' dawn ta' l-ahhar titqies sufficjenti biex tiddemostra l-htija in kwantu, una volta accertat il-kuntrast objettiv bejn il-kondotta u l-obbligu impost minn dawk in-normi u regolamenti, lanqas ikun hemm ghalfejn li wiehed jidhol biex jindaga dwar xi allegata negligenza jew l-elementi tal-kolpa ghaliex din hi *in re ipse*. Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz ghaliex jinsab provat li s-socjeta` appellanti ottemperat ruhha kif imiss ma' dawk l-istess ligijiet jew regolamenti;

Maghmula din l-osservazzjoni, il-Qorti thoss li ghall-ezami tal-punt in kontestazzjoni ghandha tibda biex tirregistra b'ripetizzjoni illi "l-immarkar ma huwiex xi uzanza

merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellanti biex jigi individwat b'akkuratezza l-lok fejn tkun posizzjonata l-infrastruttura, u b'hekk jigi skongurat skavar bl-addocc". Ara "**Maltacom plc -vs- Anthony Vella *et***" u "**Maltacom plc -vs- Carmelo Brincat**", rispettivament decizi minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2006 u 15 ta' Jannar, 2010. Hi naturalment it-tezi tas-socjeta` appellanti illi hi ma skavatx bl-addocc u, gjaladarba ma kienx hemm immarkar adegwat, hi lanqas ma setghet tinsab fi htija ghaliex hi dak l-event ta' hsara ma kienx lanqas prevedibbli ghaliha, la ma kellhiex konoxxenza ta' l-ezistenza tal-*cables* fil-parti tal-*crossing* u l-kondotta ta' l-operat taghha kienet regolata kif imiss;

Evidentement, il-kuntrast bejn il-partijiet in mertu ghall-ezistenza, o meno, ta' l-immarkar jimporta l-apprezzament tal-provi u l-aktar jekk id-dikjarazzjoni tal-parti l-wahda hijiex aktar attendibbli u verosimili minn dik tal-parti l-ohra. Opportunement din il-Qorti rriezaminat il-provi in atti u, kollox ma' kollox, ma tarax ghaliex tiddubita mill-versjoni tas-socjeta` appellata. Din il-konvinzjoni fil-Qorti hi sorretta minn dawn ir-riflessjonijiet:-

1. Jekk kif sostnut mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici ma kienx hemm marki fis-sit fejn grat il-hsara, wiehed kien jistenna li meta kixef it-triq u skopra l-ezistenza tal-*cable* huwa kellu jallerta b'dan lill-kumpanija attrici qabel ma ghaddiet biex tqieghed il-*pipes* fuq dak il-*cable*. Jekk xejn biex iggib ghall-attenzjoni tas-socjeta` attrici li hi ma kienetx indikatilha l-ezistenza ta' dak il-*cable* bl-appozitu mmarkar u, fuq kollox, fl-ahjar interess taghha, biex tovvja ghall-qaghda ta' dik ir-responsabilita` li l-kundizzjonijiet iqeghdu fuqha. Fil-minimu, il-prudenza kienet certament tesigi dan minghandha;

2. Il-Qorti lanqas ma taqbel illi x-xhieda ta' Victor Busuttil tista' tkun ta' xi soljev qawwi lit-tezi tas-socjeta` appellanti. Huwa veru li dan xehed illi meta nizel fuq is-sit wara l-avveniment ta' l-incident tal-hsara lilu ma rrizultalux li kien hemm marki izda dan, presumibilment u, evidentement ukoll, kien hekk il-kaz ghaliex bl-iskavar li

kellu jsir kien lahaq sar. Difatti, fl-istess disposizzjoni tieghu x-xhud jissokta jghid illi hu jikkonferma li kien hemm il-marki fis-sens li l-*overseer* Paul Darmanin kien ha ritratti tal-marki li kien ghamel u ovvjament sa dak il-hin ix-xoghol kien tlesta (fol. 134);

3. Hemm qbil mas-socjeta` appellanti illi l-oneru tal-prova kien jaggrava fuq is-socjeta` attrici. Il-Qorti pero` ma taqbilx maghha illi s-socjeta` appellata ma pprovatx in-ness kawzali bejn il-kondotta tas-socjeta` appellanti u l-event dannuz, ossija li dan l-event kien il-konsegwenza ta' certa azzjoni jew ommissjoni da parti taghha;

4. Fic-cirkostanzi mhix allura eskluza l-inosservanza ta' dik id-diligenza rikjesta, sija mill-kundizzjonijiet appattwiti, sija mid-dixxiplina tal-ligi, u li fil-fattispeci, meta tradotta, kienet timponi b'obbligu fuq is-socjeta` appellanti li tadotta kondotta posittiva fil-kors ta' l-operat taghha ta' l-iskavar ghall-iskansar tar-riskju u ta' l-eventwali dannu;

5. Il-konkluzjoni li tinzel minn dawn il-konsiderazzjonijiet hi wahda. Dik, cjoe, li s-socjeta` appellanti m'ghandhiex ragun fl-ilment taghha.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------